MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Rikors Numru. 100/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-kontendenti izzewwgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija hamsa u sebghin (1975) fil-knisja tal-Immakulata Kuncizzjoni, Bormla, liema zwieg huwa debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru elfejn erba` mija tmienja u disghin tas-sena elf disa` mija hamsa u sebghin (2498/75), u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li llum huma ilkoll maggorenni (certifikat taz-zwieg anness Dok. A);

Illi l-partijiet kienu xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affetwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni pubblikat in atti Nutar Dottor Clinton Bellizzi fit-tlettax ta’ Novembru elfejn u tnax (2012) (Kopja annessa Dok. B);

Illi r-rikorrent jiddikjara li ma hemmx arretrati ta’ manteniment dovuti lill-intimata, la ghaliha u lanqas ghall-ulied;

Illi ghaddew aktar minn erba` snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separtament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara z-zwieg tieghu mal-intimata Elizabeth Tabone bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun jigi registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dankollu tant kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament taghha, li permezz taghha eccepiet :

Illi hija ma topponix ghat-talba li jigi mahlul iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti b’dan illi tirrileva li fit-termini tal-kuntratt tas-separazzjoni ta’ bejn il-kontendenti il-kundizzjonijiet kollha tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjonii ghandhom jibqghu invarjati u inalterati anke bil-pronunzjament tad-divorzju de quo.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti bhala l-parti li ntavola l-proceduri.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2013;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Novembru 2012 u ilhom aktar minn erba' (4) snin jghixu separatament minn xulxin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------